SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 34/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/08/'10** **263**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/08/'10** **317**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 9 t'Awwissu 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsilliera Irene Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

Il-membri tal-GreenMT Limited
Id-Direttur u Chairman Vince Farrugia
Kap Eżekuttiv Joe Attard
Is-Sinjura Marcella Agius
Is-Sur Glenn Calleja

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-3 t'Awwissu 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Ftehim Ġbir ta' Skart Separat
4. Aġġornament - Tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi<br>Tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq
5. Tender - Għall-*Power Washing* fl-*area* tal-Bajja ta' San Ġorġ
6. Attivita' dwar it-tindif tal-qiegħ il-baħar fi Spinola *area*
7. Reviżjoni ta' Ħatra ta' Karigi
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Minuti tal-laqgħa preċedenti li saret fid-29 ta' Lulju 2010 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

3769 Email mingħand il-lukanda Le Meridien rigward l-Unicef Activity.

3962&K0977 Ittra mingħand l-Enemalta rigward fattura nru. 1800000387, flimkien ma' ittra li ntbagħtet lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lill-NHD Joint Committee.

3981 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allowance tas-Segretarji Eżekuttivi għax-xogħol tal-Kumitati Amministrattivi.

3993&K0975 Memo 106/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Nuqqasijiet mill-Kunsilli Lokali.

4010 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward żieda fl-Allowance tas-Sindki.

4044 Email mingħand AICCRE rigward il-pagament finali tal-Move Together Poster Exhibition.

4055 Invit mingħand Casaleone XIII Ltd. rigward tlett residenti li ser jagħalqu l-eta' sabiħa ta' mitt sena.

4090 Ittra mingħand Transport Malta rigward l-U-Shaped Barrier fi Triq Lapsi, San Giljan.

4091 Ittra mingħand Transport Malta rigward il-*One Way System* fi Trejqet il-Bajja, San Ġiljan.

4146 Email mingħand il-Peak Insurance Brokers Ltd. rigward il-*Local Council Insurance Renewal.*

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3769

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-lukanda Le Meridien, San Ġiljan rigward l-attivita' tal-Unicef. Ġie deċiż unanimament li tingħata *No Objection* li ssir l-attivita' dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa, u li jinfurmaw lit-

Transport Malta minħabba li tgħaddi tal-linja mir-rotta li ser jużaw għat-Triathlon Race.

Rif. Nru. 4055

2.03 Saret riferenza għall-invit mingħand Casaleone rigward l-attivita' li ser tittela' fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena ta' tlett residenti. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jieħu ruling mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sabiex ikun jista' jagħti tifkira lil dawn it-tlett anzjani, għal din l-okkażjoni għall-ammont ta' €120.

Rif. Nru. 4091

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-One Way System fi Trejqet il-Bajja, f'San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' 'onsite' ma' rappreżentant tat-Transport Malta biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni rigward il-One Way System, u jiġu nfurmati l-Kunsilliera bid-data tal-laqgħa.

Rif. Nru. 4146

2.05 B'riferenza għall-email mingħand il-Peak Insurance Brokers Ltd. rigward il-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill, ġie deċiż unanimament li l-polza tal-assigurazzjoni tiġġeddet għal tlett xhur ohra mill-1 ta' Settembru 2010 u tinħareġ sejħa għal offerti.

## 3 Aġġornament - Ftehim Ġbir ta' Skart Separat

3.01 Is-Sur Vince Farrugia u s-Sur Joe Attard taw spjegazzjoni dettaljata rigward id-dokument tal-ftehim Ġbir ta' Skart Separat u kif ser tkun qiegħda taħdem din l-iskema.

3.02 Wara diskussjoni qasira d-dokument ġie ffirmat quddiem il-Kunsill, mid-Direttur u Chairman Vince Farrugia u Kap Eżekuttiv Joe Attard għan-nom tal-Green MT Limited u mis-Sindku Peter Bonello u mis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker għan-nom tal-Kunsill Lokali San Ġiljan (Ara Appendiċi 'A').

3.03 Is-Sinjuri Vince Farrugia, Joe Attard, Marcella Agius u Glenn Calleja ġew skużati fil-4.15 p.m.

## 4 Aġġornament

**Tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi**
**Tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010 saret il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr. Chris Said, u għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.02 L-Onor. Dr. Chris Said ġie nfurmat bis-sitwazzjoni li l-Kunsill jinsab fiha bit-tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi u t-tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq. Dan minħabba li bejn l-orħos ammont li ġie sottomess fl-offerti tal-Knis u Tindif tat-Toroq u l-fondi allokati fil-budget hemm diskrepanza negattiva ta' madwar € 70,000.00 filwaqt li fuq it-tender għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi hemm diskrepanza negattiva ta' madwar € 3690.00 mill-orħos offerta li ġiet sottomessa u l-fondi allokati. Għalhekk is-Sindku talab il-gwida ta' l-Onor. Said u staqsa jekk il-Kunsill jistax juża parti mill-fondi tar-Repair & Upkeep li ser jiġu allokati fil-budget is-sena dieħla, kif ukoll jekk jifdal xi fondi mill-ammont li ngħata permezz ta' Memo 15/2010 biex jintużaw għal dawn it-tenders.

4.03 L-Onor. Dr. Chris Said ma sabx oġġezjoni u ggwida lill-Kunsill biex jagħżel lill-Kuntrattur filwaqt li kien ser jara dwar din il-problema.

4.04 Wara diskussjoni qasira saret riferenza għal 'schedule' ta' l-offerti għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi (Ara Appendiċi 'B').

4.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona li tintgħażel l-offerta tas-Sur Raymond Attard għat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi peress li l-offerta tiegħu hija l-aktar vantaġġjuza.

4.06 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.08 Saret riferenza għal ‘schedule’ ta’ l-offerti tal-Knis u Tindif tat-Toroq (Ara Appendiċi ‘C’) u għall-ittra rif. Inc. 4135/10 mingħand is-Sur Raymond Attard li tikjarifika xi punti (Ara Appendiċi ‘D’).

4.09 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li tingħażel l-offerta tas-Sur Raymond Attard, peress li hija l-aktar vantaġġjuża.

4.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.12 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Fi Triq San Ġorġ jsir il-ħasil tal-ħajt, in-naha ta’ Villa Rosa, u l-bankina tal-faċċata, kuljum sat-30 ta’ Settembru 2010. Dan jista’ jinbidel skont l-esiġenza tal-Kunsill.
- fis-Sajf, mill-21 ta’ Ġunju sal-21 ta’ Settembru jsir ħasil tat-toroq mill-Westin sal-Bajja ta’ San Ġorġ u mill-Bajja ta’ San Gorg sal-ITS, darbtejn fix-xahar, kull l-ewwel u l-aħħar Tnejn tax-xahar.
- Il-Kunsill jipprova jikkanċella l-Works Order għall-extra service għal waqt il-festa li ngħata lill-Cleansing Services Directorate.

**5 Tender**

**Għall-Power Washing fl-area tal-Bajja ta’ San Ġorġ**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b’kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi ‘E ’) u ġie nfurmat illi s-Sur Raymond Attard kien tefa’ l-offerta tiegħu mat-tender tal-Knis u Tindif tat-Toroq’.

5.02 Il-Kunsill irrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet aktar ‘il fuq Paragrafi 4.08 sa 4.12.

## 6 Attivita' dwar it-tindif ta' qiegħ il-baħar fi Spinola area

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-avviż għall-kwotazzjonijiet għall-attivita' dwar it-tindif ta' qiegħ il-baħar fi Spinola area skada nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010, u l-Kunsill irċieva stima waħda ta' The Dive Warehouse (Ara Appendiċi 'F').

6.02 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll illi:-

- L-attivita' ser issir nhar il-Ħamis 12 t'Awwissu 2010 fl-10.00 a.m.
- Din l-attivita' ġiet irriklamata fuq l-Education 22, fil-Malta Independent kif ukoll fuq il-Website tal-Kunsill.
- Irrid jiġi ppreparat rapport dwar din l-attivita' u jrid jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa mhux aktar tard mill-5 ta' Novembru 2010, bid-dettalji kollha ta' l-attivita'.

6.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro ser jieħu ħsieb jimla' r-rapport (ref. inc. 4026/10) u jipprepara l-istqarrija għall-istampa.

## 7 Reviżjoni ta' Ħatra ta' Karigi

7.01 Ġie deċiż unanimament li ssir revizjoni tal-karigi (Ara Appendiċi 'G').

## 8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

8.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9 Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm ebda Purchase Request Sheet biex tiġi approvata.

9.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fil-5.00 p.m.

## 10 Materji Oħra

10.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- il-cleaner tibda titħallas b'ċekk peress li mhux qed jibqa' biżżejjed flus fil-petty cash biex jinxtraw l-affarijiet.
- issir talba lill-MTA biex isir railings fil-Bajja ta' Spinola n-naħa tal-Banis, li jkun ta' l-istess tip bħal dak li hemm in-naħa ta' Font Għadir.
- jiġu nfurmati l-Green MT sabiex jitpoġġa bin ħdejn il-Waterpolo pitch ta' San Ġiljan.

10.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna gie skuzat fil-5.00 p.m.

10.03 Il-Kunsillier Norman Vella rringrazzja lill-Kunsill talli twaħħal il-bridge ta' fuq il-blata ħdejn il-baħar, faċċata tal-Ġelat d'Or.

10.04 Qabel ntemmet il-laqgħa ċ-ċhairman awgura l-festa t-tajba lill-kulhadd.

10.05 Iċ-Chairman  għalaq il-laqgħa fil-5.05pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**